**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn 30 ta' Lulju 2012**

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tliet sigħat.)**

## Parti A

Wieġeb għal <u>tlieta</u> biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. l-att meħtieġ biex kreditur iħassar negozju li bih id-debitur tiegħu b'qerq inaqqas il-patrimonju tiegħu għad-dannu tal-istess kreditur.
2. l-att meħtieġ biex jintalab rimedju għax il-klijent tiegħek igħid illi saret [illegible] kontra tiegħu fit-tgawdija tal-jedd tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu, bi ksur tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.
3. l-att meħtieġ biex tiddefendi azzjoni li fiha qiegħed jintalab illi l-klijiet tiegħek jiġi kundannat irodd flus mislufa lilu u jħallas l-imgħaxijiet relativi għax il-klijent igħid illi s-self sar b'użura.
4. l-att meħtieġ biex jintalab it-tħassir ta' mandat kawtelatorju ta' sekwestru maħruġ kontra l-klijent tiegħek għax il-klijent igħid illi hemm raġunijiet tajba għala l-mandat ma jibqax fis-seħħ.
5. l-att mehtieġ biex isir appell minn sentenza illi, għalkemm ċaħdet eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut, ċaħdet ukoll it-talba tal-attur, klijent tiegħek, għall-ħlas tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata għax sabet illi l-merkanzija ma kinitx tal-kwalità miftiehma.
6. l-att meħtieġ biex isir appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li illiberat lill-klijent tiegħek minn imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-valur iżda sabitu ħati ta' approprjazzjoni bla jedd, u ikkundannatu għall-piena ta' priġunerija għal tmintax-il xahar.

## Parti B

Wieġeb għal mistoqsija <u>waħda</u> biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem b'"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza, jekk hemm, bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.
2. F'liema ċirkostanzi jista' avukat jippatroċina klijent li qabel kien patroċinat minn avukat ieħor u x'għandu jagħmel l-avukat li ġie avviċinat

mill-klijent f'każ illi ma hemmx kunsens mill-avukat preċedenti u hemm kwistjoni urgenti x'tiġi ttrattata?

3. "Avukat dejjem għandu jġib ruħu ta' avukat" – Iddiskuti dan it-tema b'referenza għad-dritt ta' ħajja privata u ta' min ikun jeżercita funzjonijiet bħal ma huma dawk kummerċjali.